# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 7/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Daryl Borg)

vs

**Cristina Maria Debattista**

bint Spiridione Debattista, imwieleda Pieta', fit-3 ta' April, 1991, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 189991(M)

Illum, 28 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Cristina Maria Debattista quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-gżejjer, nhar il-22 ta' Diċembru, 2013, għal ħabta tas-sitta ta' fil-għodu (06:00 a.m) saqet vettura, b'numru ta' reġistrazzjoni TWN888, tal-għamla Ford:

1. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN888, tal-għamla Ford għad-dannu ta’ Maria Antonia Debattista u/jew persuni oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBM105, tal-għamla Volkswagen għad-dannu ta’ Carmel Żammit u/jew persuni oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GEL834, tal-għamla Mazda għad-dannu ta’ Mark Gasan u/jew Donald Mizzi u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

4. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni FOS511, tal-għamla Peugeot għad-dannu ta’ Michel Demajo u/jew persuni oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni KBJ367, tal-għamla Peugeot għad-dannu ta’ Philippe De Gabriele u/jew persuni oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni, jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b’nuqqas ta’ tħaris ta’ regolamenti kkaġunat ħsara nvolontarja fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LUU788, tal-għamla Mazda għad-dannu ta’ Carmel Żammit u/jew persuni oħra u dan bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku ai termini tal-artikolu 328(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saqet vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN888, tal-għamla Ford b’mod perikoluż u traskurat u dan ai termini għal Artiklu 15 (1)(a)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kellha l-kontroll tal-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN 888, ta’ l-għamla Ford, vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f’post pubbliku ieħor meta ma kienitx f’kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew droga u dan ai termini ta’ l-artikolu 15A(1) Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi prova isuq, jew kellha l-kontroll ta’ vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f’post pubbliku ieħor u cioe’ vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN 888, ta’ l-għamla Ford wara li kienet ikkonsmat tant alcohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt u dan ai termini tal-artikolu 15B(1) Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saqet vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN 888, tal-għamla Ford mingħajr ma’ kienet koperta minn polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni u b’dan ai termini ta’ l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi saqet vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni TWN 888, tal-għamla Ford b’manjiera eċċessiva u dan ai termini tal-artikolu 127 ta’ L.S. 65.11;

12. Inġurjat, jew heddedt, jew għamlet offiża fuq persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-

ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz (artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

13. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġunat ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' WPS 304 Lorna Mifsud u PC 446 Joseph Mifsud persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti (artikoli 221(1) u 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

14. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx bħala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti (artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

15. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku (artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

16. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku (artikolu 338(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

17. Illi Cristina Maria Debattista rrifjutat li tagħti l-kampjun tan-nifs hekk kif mitlub mil-Pulizija u dan ai termini ta' Artikolu 15(E)(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Dicembru, 2014 fejn il-Qorti wara li semghet l-ammissjoni tal-akkuzata, sabitha hatja tal-akkuzi numru wiehed, tnejn, tlieta, erbgha, hamsa, sitta, sebgha, tnax, tlettax, erbatax, hmistax sittax u sbattax u kkundannatha elf u mitejn euro (€1200) u ssospenditilha l-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' gimghatejn filwaqt illiberatha mill-akkuzi numru tmienja, disgha, ghaxra u hdax in vista tal-verbal tal-Prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-7 ta' Jannar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellata Cristina Maria Debattista ħatja ta' l-imputazzjonijiet enumerati wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), sittax (16) u sbatax (17), tikkonferma ukoll in kwantu ordnat is-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan tal-istess Cristina Maria Debattista għal perjodu ta' ġimgħatejn u **tħassarha** u **tirrevokaha** in kwantu fejn ġiet imposta l-piena ta' multa ta' €1,200 u minflok tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti nferjuri tkun, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja tkun ingħatat sentenza. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta mis-sentenza appellata illi l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati sabet lill-imputata Cristina Maria Debattista ħaja ta' l-akkużi wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5), sitta (6), sebgħa (7), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), sittax (16) u sbatax (17) u ikkundannata għal multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ġimgħatejn filwaqt li lliberata mill-akkużi l-oħra dedotti kontriha.

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija fl-akkużi enumerati hawn fuq, madanakollu <u>l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-imputata għal piena li taqa' taħt il-parametri previsti mil-liġi.</u> Infatti l-imputata ġiet misjuba ħatja ta' l-imputazzjoni numru erbatax (14) u cioe' li attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti, bi ksur ta' l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sub-artikolu (1) ta' l-

istess artikolu jistipola li jekk l-attakk jew reżistenza ssir minn persuna waħda, dik il-persuna teħel il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena. Huwa ċar li dan l-Artikolu ma jipprevedix il-kundanna ta' multa' għax li kieku kien hekk allura l-liġi stess kienet tati tali diskrezzjoni bejn piena karċerarja u dik ta' multa. Il-prinċipju segwit mill-ordinament ġuridiku tagħna f'sitwazzjonijiet bħal dawn hu ta' *'Lex Voluit Lex Dixit'* u cioe' li ma jistawx jiġu applikati pieni li ma ġewx speċifikament previsti mil-liġi. F'dan il-każ in diżamina, l-liġi (speċifikament l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) ma tforni l-ebda diskrezzjoni lill-Ewwel Onorabbli Qorti u għalhekk il-Qorti hija marbuta mal-piena mandatorja li hija nekwivokalment piena ta' priġunerija.

Illi huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa ndesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ ***Il-Pulizija vs. Spiru Muscat*** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell presjeduta mill- Onorevoli Imħallef David Scicluna fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

> *"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi ir-responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha.....M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi[1] u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom ***Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio***[2], Il-***Pulizija vs. Jeremy James***

[1] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

***Farrugia***[3] u ***Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[4]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben stabbilita u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena nflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*[5]

Fil-każ in deżamina, l-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament mhix kontemplata fil-liġi u kwindi ma taqax fil-parametri previsti mill-liġi versu l-akkuża li tagħha ġiet misjuba ħatja l-imputata a tenur ta' l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Taħt dan l-artikolu, l-piena li segħtet tiġi nflitta fuq l-imputata kienet dik ta' priġunerija minn erba' xhur sa' sena. Ċertament li jkun fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk din il-piena tingħatax fil-minimu tagħha jew le, oppure jekk il-Qorti tħoss li għandha tapplika dispożizzjonijiet oħra mogħtija mil-liġi, flimkien mal-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-*raison d'être* ta' dan l-appell, mhuwiex li tiġi nflitta xi piena ħarxa fuq l-imputata. Hawnhekk l-esponent mhux qed ifittex il *'pound of flesh'* . L-unika motivazzjoni li għandu l-esponent sabiex iressaq dan l-Appell hi li tiġi mħarsa r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, fis-sens li l-piena nflitta għandha tkun dik li hija kontemplata fil-liġi. Inoltre, d-diskrezzjoni tal-Qorti fl-għoti tal-piena għandha tiġi eżerċitata fil-parametri li tipprovdi l-liġi stess, altrimenti ma jkollniex is-saltna safja tad-dritt. F'dan il-każ għandna reżistenza bi vjolenza kontra uffiċjali pubbliċi senjatament uffiċjali tal-Pulizija, fejn l-imputata wara ammissjoni tagħha stess għamlet reżistenza bi vjolenza li

---

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[4] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

[5] Sottolinear / Enfasi ta' l-esponent.

kkawżatilhom offiżi ta’ natura ħafifa waqt li kienu fil-qadi ta’ dmirijiethom. Għaldaqstant l-esponent qed jintavola dan l-umli appell għar-raġunijiet hawn fuq suesposti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu l-piena li giet erogata taqa' taht il-parametri previsti mill-ligi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-ewwel udjenza tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti l-appellata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha, fil-waqt li l-prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi 8, 9, 10 u 11 skont kif hemm indikat fil-verbal tal-udjenza tat-22 ta' Dicembru, 2013.

Illi dak in-nhar stess l-ewwel Qorti ghaddiet biex ippronunzjat is-sentenza. Fil-korp tas-sentenza ma hemm imnizzel imkien li l-ewwel Qorti kienet qed tinzel bi grad jew tnejn minhabba l-ammissjoni bikrija u li l-appellata kienet ikkolaborat mal-pulizija. Kwindi hu car li f'dawn ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti erogat piena taht il-parametri previsti mil-ligi.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellat ghandha tibbenefika minhabba l-ammisjoni taghha fil-massimu konsentit mil-ligi. Minbarra dan l-appellata ghandha fedina penali netta u l-istqarrija taghha hi xhieda ta' dak li gara. Ghalhekk, hu xieraq li f'dawn ic-cirkostanzi jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, tilqa l-appell tal-Avukat Generali. Tikkonferma s-sentenza fejn l-appellata giet misjuba hatja. Tikkonferma is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan taghha ghal perjodu ta'

gimghatejn mil-lum.  Tikkonferma l-piena ghal hlas ta' multa ta' elf u mitejn euro (€1,200) tenut kont dak li ntqal hawn fuq.